# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 29/2014**

Il-Pulizija

vs

**Raymond Agius**

iben Carmel, imwieled Pieta',  fis-26 ta' Novembru, 1958, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 771758(M)

Illum, 4 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Agius quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-12 ta' Settembru, 2013 ghall-habta tas-17.00hrs waqt li kien gewwa Blk 2, Hse. 4, Trejqet Antoine De Favray, Pembroke:

1. ingurja u/jew hedded lil martu Anna Agius jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

2. bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Anna Agius biza' li ser tintuza vjolenza jew kontra l-propjeta taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali u dan ghas-sigurta ta' Anna Agius.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Jannar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 251B(1), 383(1) u 222(1) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-istess Raymond Agius hati tal-ewwel akkuza u kkundannatu twiddiba u canfira, filwaqt ma sabitux hati tat-tieni akkuza u lliberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Agius ipprezentat fit-28 ta' Jannar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza fil-parti fejn il-qorti sabet l-imputat mhux hati u thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati kif indikat fis-sentenza u minnu tilliberah skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant:

1. Illi l-ewwel u qabel kollox l-imputat jichad ghal kollox l-akkuzi fil-konfront tieghu.

2. Illi s-suespost jirbah *piz* meta wiehed izomm f'mohhu l-fatt li l-kwerelata trid is-separazzjoni biex b'hekk qed taghmel minn kollox biex tikkomprometti l-imputat ghas-skopijiet ulterjuri taghha.

3. Illi l-imputat ma jridtx jissepara tant li, kif jirrizulta mill-affidavit mehmuz mal-komparixxi ta' WPC291 A. Azzopardi hemm riferenza ghall-individwu bl-isem 'Philip' li jahdem il-Caritas li l-imputat mar ikellem biex dan ta' l-ahhar jipprova jghinu jsolvi l-problema taz-zwieg tieghu mal-mara ghax l-imputat ma xtaqx u mai jridtx jissepara. Illi, pero, bhalma ammettiet l-istess kwerelata: *"...ma ridtx tmur il-Caritas..."*.

4. Illi ghalhekk bhala aggunt ghas-suespost, ma jregux l-akkuzi fil-konfront tal-imputat kif imressqin mill-kwerelata. Illi la gie stabbilit li l-imputat irid jirranga ma jregux l-akkuzi fil-konfront tieghu. Illi gie ammess u b'hekk ippruvat li l-istess kwerelata ma tridtx tkompli ghar-ragunijiet taghha liema ragunijiet huma *oltre* u il-boghod mill-verita tas-sitwazzjoni. Illi l-kwerelata istitwiet dawn il-proceduri b'akkuzi foloz kontra r-ragel taghha bl-iskop ulterjuri, principalment biex b'sentenza kontra l-imputat, dan ta' l-ahhar jista' jigi ordnat jizgombra mid-dar matrimonjali. Illi fil-fatt il-kwerelata qatt ma cahdet li qed tirsisti biex tigi assenjata d-dar matrimonjali ad *eskluzzjoni* tal-imputat.[1] Illi din il-pozizzjoni tfisser li l-kwerelata qed taghmel akkuzi foloz taht il-kappa tax-xemx basta li takkwista dak li tixtieq hi.

5. Illi dawn il-proceduri huma nveritieri stante li qed issir sfruttar tal-istituzzjonijiet u proceduri legali min-naha tal-kwerelata semplicement biex tigi akkomodata. Illi l-kwerelata ghandha tigi imcanfra u *se mai* anke jittiehdu proceduri kontra l-istess kwerelata ta' akkuzi foloz li resqet kontra r-ragel imputat meta dawn mhumiex veri.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b'mod superficjali l-kwerelata resqet ilment/i vera puerili talli l-imputat jiehu kalmanti! Illi l-ewwel u qabel kollox hemm ruxxamata nies li jiehdu kalmanti liema haga ma tirrifletti xejn hazin[2] fuq l-individwu. Illi l-verita' hi, liema haga ammettiet fil-provi l-istess kwerelata, li missier l-imputat miet f'idejn l-istess imputat liema esperjenza ghadha tinhass mill-imputat. Illi dan l-incident gara seba' (7) xhur circa qabel il-kwerelata u l-imputat izzewgu! Illi l-partijiet ilhom mizzewgin mid-29 ta' Settembru, 1990 biex b'hekk, wiehed ma jistax jifhem kif issa l-kwerelata qed tipprova tpingi l-imputat b'dan il-mod, liema haga turi nuqqas ta' kredibilita' minn naha taghha fil-konfront tal-imputat ragel taghha.

7. Illi, pero, irrizulta mill-provi, li l-istess kwerelata thobb tixrob bil-goff liema haga tikkawza stati mentali mhux cari meta tkun f'dak l-istat. Illi minhabba dan l-agir l-imputat

---

[1] Illi fil-fatt hi stess hi lesta tirrinunzja ghat-talba ta' manteniment basta tiehu d-dar. Illi fil-fatt jidher car li l-kwerelata qed tahdem baxx baxx liema dhul hu rifless fl-infieq li qed taghmel bl-iskuza banali li qed iggib il-flus minghand in-neputija taghha fost nies ohra.

[2] Illi l-kwerelata izzewget l-imputat meta gja kien qed jiehu kalmant ghar-ragunijiet li ser jigu indikati iktar tard. Illi fil-fatt tlett kwarti ta' Malta u anki fid-dinja jiehdu il-kalmanti.

konxju li martu qed taghmel minn kollox biex tikkomprometti bl-iskop li hu jmur joqghod il-boghod mid-dar. Illi s-stramberija taghha hi accentwata mill-fatt li l-kwerelata, minn rajha, ma tridtx torqod fis-sodda mar-ragel l-imputat liema haga ilha hekk ghal fuq minn hames (5) snin[3] mhux tort tieghu imma hi mossa intiza ghax jidher li ma tridtx tkompli fiz-zwieg li hi l-vera raguni ta' din it-tsunami 'artificjali' li qed tohloq/holqot.

8. Illi ghalhekk f'dan ir-rigward il-principju ta' in dubbio pro reo qed jirrenja liema sitwazzjoni tiffavorixxi l-pozizzjoni tal-imputat.

9. Illi bl-ebda mod m'ghandu s-suespost jigi kunsidrat bhala ezawrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li din il-kawza kienet wahda sommarja u ghalhekk ix-xiehda tax-xhieda ma gietx traskritta. Ghalhekk, din il-Qorti kellha terga tisma lil kulhadd u ma jfissirx li dak li xehedu quddiem l-ewwel qorti regghu xehduh fedelment quddiem din il-Qorti.

Illi mill-provi li semghet din il-Qorti jirrizulta li fit-12 ta' Settembru, 2013il-konjugi Agius kellhom xi jghdiu fir-residenza taghhom. Dak iz-zmien huma kienu ghaddejjin proceduri biex jisseparaw.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta li l-appellant hedded lil martu anki jekk hu kien ipprovokat.

---

[3] Hi stess ammettiet li kienet qed taghmel dan *"…….biex tevitah…."*

Illi ghalhekk, l-ewwel Qorti kellha ragun meta sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz kwalunkwe kumment iehor hu zejjed, specjalment tenut kont tal-aggravvji migjuba mill-appellant li ma ghandhom ebda meritu f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Raymond Agius u tikkonferma s-sentenza appellata.